# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 36.**
**Citazz. Nru. 2165/00 JRM**

**Raymond u Victoria konjugi GRECH f'isimhom proprju u bhala legittimi rappresentanti ta' binhom minuri Jonathan GRECH**

**vs**

**Stefan BORG**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni mressaq fid-29 ta' Settembru, 2000, li bih l-atturi proprio u nomine ppremettew:

Illi fit-23 ta' April 1997, ghall-habta ta' l-4.30 p.m. waqt illi l-attur Raymond Grech kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni T-3094(M) f'St. Sebastian Street, kantuniera ma' Old Bakery Street, Valletta huwa safa involut f'kollizjoni awtomobilistika mal-konvenut, li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAA 997;

Illi fil-hin ta' l-incident, il-minuri Jonathan Grech, kien riekeb fil-vettura misjuqa minn missieru Raymond Grech, u bhala konsegwenza ta' l-istess incident, soffra griehi illi wasslu ghal dizabilita' permanenti skond kif ikkonstata Dr. Josepgh E. Briffa, kif jidher mic-Certifikat minnu mahrug u datat 11 ta' Awissu, 1999, li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A;

Illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, bhal ma inoltre, diga' gie rikonoxxut fi proceduri ta' arbitragg mizmuma bejn il-partijiet, kif jidher mill-*award* relattiv, li kopja tieghi hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. B;

Illi, skond il-ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. C, il-konvenut obbliga ruhu illi joqghod ghad-decizjoni kontenuta fl-*award* relattiv;

Illi, bhala konsegwenza diretta ta' dan, il-konvenut gie obbligat illi jirrikonoxxi l-htija u responsabilita' tieghu ghall-akkadut;

Illi ciononostante, il-konvenut, minkejja li gie nterpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti fl-istess incident, baqa' inadempjenti u la hallas id-danni sofferti mill-atturi fil-vettura taghhom, u wisq anqas id-danni sofferti bhala rizultat tad-dizabilita' permanenti rekata lill-minuri Jonathan Grech;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-23 t'April 1997, ghall-habta ta' l-4.30 p.m. gewwa St. Sebastian Street, kantuniera ma' Old Bakery Street, Valletta, kif fuq premess;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi proprio, l-ammont ta' danni sofferti fil-vettura taghhom, skond kif obbligat illi jaghmel ai termini ta' l-*award* relattiv;

3. Tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-minuri Jonathan Grech minhabba d-dizabilita' permanenti lilu rekata fl-istess incident awtomobilistiku, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi Raymond u Victoria Grech bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom Jonathan, is-somma rapprezentanti d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Marzu 2000, u ittra ufficjali ohra li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-Att lis-socjeta' Middle Sea Insurance p.l.c., kontra l-konvenut, li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tat-8 ta' Novembru, 2000, li biha l-imharrek eccepixxa:

1 Illi fl-ewwel lok, it-talba attrici ghandha tigi respinta stante illi hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni hija improponibbli peress illi tezisti dikjarazzjoni miktuba, li ma kienx hemm feriti personali rizultat ta' l-incident de quo;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, fil-mertu, il-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident de quo;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjrui jekk ikun il-kaz;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrek, flimkien mad-dokument mehmuz maghha (liema dokument, fil-fatt, huwa l-istess imressaq mill-atturi *proprio* u *nomine* bhala Dokument "B" mad-Dikjarazzjoni mahlufa taghhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-imharrek;

Rat id-Degrieti taghha tal-21 ta' Marzu, 2001, u tat-3 ta' Mejju, 2001, li bihom halliet il-kawza ghal-lum ghad-decizjoni dwar l-imsemmija zewg eccezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawza li l-atturi, f'isimhom u kif ukoll f'isem binhom li ghadu taht l-eta', qeghdin jaghmlu kontra l-imharrek biex jigi

kundannat ihallashom id-danni ghall-hsarat li garrbu minhabba habta bejn zewg karozzi li sehhet f'April tal-1997;

Illi fl-imsemmija habta, qieghed jinghad li sehhew kemm hsarat fil-karozzi misjuqa mill-partijiet, u kif ukoll griehi ta' natura permanenti li garrab iben l-atturi;

Illi l-imharrek qieghed jecepixxi li l-atturi ma setghux iharrkuh ghal zewg ragunijiet ewlenin: (a) l-ewwelnett ghaliex ghadda z-zmien li l-atturi setghu jaghmlu dan; u (b) ghaliex meta iffirmaw il-ftehim li jressqu l-kaz ghal arbitragg, kien hemm rabta bejniethom li hadd ma kien qieghed iressaq talba ghal kumpens dwar griehi mgarrbin minn terzi persuni;

Illi irrisulta li nghatat decizjoni minn arbitru [Dok "B" f'pagni 8 u 9] maqbul bejn il-partijiet fil-ftehim milhuq minnhom f'Marzu, 1998 [Dok "C", f'pagni 10 sa 13], f'liema decizjoni l-imharrek tqies bhala unikament responsabbli ghall-habta. Id-decizjoni m'hijiex datata, imma l-atturi jghidu li din inghatat fit-22 ta' Lulju, 1999 (ara Nota ta' Osservazzjonijiet, f'pagna 40 tal-process);

Illi, xi jiem wara li nghatat dik id-decizjoni tal-arbitru, l-atturi nhargilhom certifikat mediku mill-Kirurgu Joseph Briffa [Dok "A", f'pagni 6 u 7] li jghid li, fil-habta mertu tal-kaz, binhom minuri garrab griehi fil-hageb lemini tieghu li sejrin ihallu marka li sejra tibqa' tidher fuqha;

Illi l-Qorti n'hijiex f'dan l-istadju taccetta li bin l-atturi tassew garrab griehi jew sfregju ta' natura li sejjer jibqa' jidher jew li dak li jissemma fic-certifikat mediku mressaq mill-atturi huwa tabilhaqq konsegwenza diretta tal-habta li sehhet: dawn huma konsiderazzjonijiet li huwa mehtieg li ssir il-prova taghhom kif misthoqq fi stadju iehor tal-kawza jew jingheleb dan l-istadju preliminari;

Illi billi jidher li l-imharrek ma qaghadx ghad-decizjoni tal-arbitru, l-atturi *proprio* u *nomine* fethulu l-kawza fid-29 ta' Settembru, 2000 , wara li jghidu li kienu baghtulu ittra ufficjali fl-24 ta' Marzu, 2000;

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, l-imharrek qieghed jghid li l-azzjoni mibdija mill-atturi kontrih ma tistax tissokta ghax lahaq ghadda zmien ta' izjed minn sentejn minn mindu setghu ghamluha u minn mindu messhom talbu r-rimedji li qeghdin jitolbu issa;

Illi l-imharrek iqis li f'dan il-kaz japplika dak li jghid l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, mizjud ma' dak li jinghad fl- artikolu 2159, u jigifieri li l-azzjoni ghal hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bl-eghluq ta' sentejn. Dan, skond l-imharrek, jekk wiehed iqis l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili, ifisser li l-preskrizzjoni bdiet ghaddejja minn dak inhar li l-azzjoni setghet tigi esercitata minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha tkun tmiss l-azzjoni. Minhabba f'hekk, billi din hija azzjoni ghal danni, iz-zmien li l-atturi kellhom biex setghu jressaqu xi pretensjoni kontrih kien ilu li ghadda sew meta huma fethu din il-kawza;

Illi, min-naha taghhom, l-atturi *proprio* u *nomine* jghidu li l-imharrek kiser il-moghdija taz-zmien tal-preskrizzjoni hekk kif qabel li jiffirma l-ftehim li bih il-partijiet baghtu l-kaz ghal arbitragg. B'zieda ma' dan, l-avukat tal-atturi waqt it-trattazzjoni taghha, irreferiet ghall-istat tal-minuri bhala cirkostanza li tissospendi l-moghdija taz-zmien tal- preskrizzjoni [ara artikolu 2124(1) tal-Kap 12];

## *Ikkunsidrat:*

Illi, ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghamil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l- azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi delitt (l-hekk msejha *culpa aquiliana*),

f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn [principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili]; u (c) azzjoni ghall-hsarat mnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin [ara, per ezempju, s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**27 t'April, 1953**, fil-kawza fl-ismijiet *Joseph Micallef nomine vs Carmelo Cassar* (Kollez. Vol: **XXXVII.i.140**)];

Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali [ara sentenza tal- Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-**9 ta' Jannar, 1953**, fil-kawza fl-ismijiet *Joseph Stivala vs Prof. Joseph Colombo* (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.622**)];

Illi gie stabilit ukoll li f'kaz fejn jigi allegat li l-hsara tnisslet minn nuqqas ta' xi parti li twettaq l-obbligazzjonijiet taghha fuq kuntratt, iz-zmien tal-preskrizzjoni ta' hames snin jibda ghaddej minn dak inhar li ssehh l-hsara [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-**30 ta' Jannar, 1911**, fil-kawza fl-ismijiet *Dr Francesco Buhagiar nomine vs Enrico Denicola nomine et* (Kollez. Vol: **XXI.i.51**)], izda mhux minn dak inhar li l-imgarrab intebah bil-hsara li gratlu [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-**28 ta' Gunju, 1957**, fil-kawza fl-ismijiet *Paolo Cordina vs Joseph Galea* (Kollez. Voll: **XLI.i.440**)];

Illi minhabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-imharrek hija wahda estintiva tal-azzjoni attrici, jidhol fis-sehh il-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tigi mibdija l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li *actioni non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier jghallmu li: "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere*… (cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII. Par 364 pag 279). Izjed 'il quddiem izidu jghidu illi "*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo*

*il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*" (op. Cit. Par 393bis, pag 306);

Illi gie stabilit ukoll li, ghall-finijiet tal-artikolu 2137, iz-zmien li fih l-azzjoni jmissha tinbeda titqies minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab, u li, certament, in nuqqas ta' gharfien tal-ligi m'huwiex raguni valida biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel [ara sentenza Prim'Awla tal-**25 t'April, 1964** fil-kawza fl-ismijiet *Alfred Delia vs John Terstaferrata Abela* (kollez. Vol: **XLVIII.ii.959**)];

Illi, hu x'inhu l-ghajn tal-preskrizzjoni invokata mill-imharrek, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet ghaddejja, u l-eccezzjoni ghandha tigi michuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-process dik id-data ma tkunx tista' tigi stabilita [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-**5 t'April, 1993**, fil-kawza fl-ismijiet *Victor Quintano vs Giorgina Calleja et*];

## *Ikkunsidrat:*

Illi meta wiehed jgharbel sewwa it-talbiet attrici, u jifli kif imiss l-atti tal-kawza, jsib li l-azzjoni tirrigwarda talba ghall-hlas ta' danni li ghaliha japplika z-zmien ta' sentejn, kif imsemmi mill-imharrek;

Illi, mad-daqqa t'ghajn ukoll, billi l-habta sehhet fit-23 t'April, 1997, iz-zmien tal-preskrizzjoni seta' jigi facilment determinat b'riferenza ghal dik id-data. Ic-Citazzjoni tressqet tliet snin u hames xhur wara li sehhet il-habta;

Illi l-Qorti ssib li l-argument tal-attturi li z-zmien tal-preskrizzjoni kien sospiz u safejn hu msejjes fuq l-artikolu 2124(1) ma jregix, ghaliex dak l-artikolu huwa ikkwalifikat bil-kliem "hlief fil-kazijiet imsemmijin mil-ligi". L-artikolu 2159, imsemmi mill-

imharrek, jghid bla tlaqliq li z-zminijiet imsemmija f'dik it-taqsima tal-Kodici jimxu, fost l-ohrajn, kontra l-minuri [ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti tas-**27 ta' Gunju, 1973**, fil-kawza fl-ismijiet _Joseph Muscat vs_ _Zakkarija Calleja et_};

Illi jrid jigi meqjus ghalhekk l-argument tal-atturi fis-sens li z-zmien tal-preskrizzjoni nkiser. Fost ic-cirkostanzi mahsuba mil-ligi li jiksru l-preskrizzjoni, wiehed isib it-talba b'att gudizzjarju [art. 2131], bl-gharfien tal-jedd tal-parti li kontra taghha kien ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni [art. 2133] jew bi hlas akkont [art.2134];

Illi ghalkemm huwa fatt li l-preskrizzjoni tista' tinkiser biss jekk ic-cirkostanza li ghaliha tirreferi l-ligi issehh _waqt_ li jkun ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni, hemm cirkostanzi ohrajn fejn l-gharfien tal-jedd tal-attur isehh _wara_ li jkun ghadda dak iz-zmien. F'dan it-tieni kaz, izda wiehed ma jitkellimx izjed dwar ksur taz-zmien tal-preskrizzjoni, imma ta' rinunzja ghall-jedd li wiehed isejjah favurih il-preskrizzjoni [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**17 ta' Dicembru, 1976**, fil- kawza fl-ismijiet _Pius Grech et noe vs Dr. Charles Xuereb_ _et_];

Illi ghal dak li jirrigwarda t-talba b'att gudizzjarju, l-atturi jsemmu ittra ufficjali fl-24 ta' Marzu, 2000. Dan, jekk inhuwa minnu, jfisser li meta ntbaghat dak l-att gudizzjarju, kienu ghaddew is-sentejn minn dak inhar li sehhet il-habta;

Illi, fil-kaz presenti, lanqas jidher li l-imharrek ghamel xi hlas akkont ta' dak minnu mitlub, u ghalhekk ic-cirkostanza msemmija fl-artikolu 2134 ma sservi xejn;

Illi jifdal li wiehed jara jekk l-imharrek stqarrx b'xi mod il- jedd tal-atturi. Kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet ta' dawn il-qrati, l-gharfien u l-istqarrija tal-jedd tal-attur, sabiex isservi bhala raguni ghall-ksur tal-preskrizzjoni, trid tkun cara u mhux mahsuba jew implikata minn kliem jew eghmejjel vagi [ara sentenza ta' din il-Qorti tad-**29 t'April, 1976**, fil-kawza fl-ismijiet _Joseph Carabott et vs Lorenzo Decelis_];

Illi l-atturi jghidu li l-fatt li l-imharrek iffirma l-ftehim tal-arbitragg ifisser accettazjoni min-naha tieghu tal-jedd taghhom. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-fehma, principalment ghaliex fl-ebda waqt f'dak id-dokument ma jinghad li xi parti kienet diga' qeghda taccetta r-responsabbilita' taghha ghall-habta. Il-fatt li wiehed jidher fuq ftehim minghajr ma jkun imgieghel biex iressaq kwestjoni ghal arbitragg ma jservi, fil-fehma ta' din il-Qorti, la bhala stqarrija tad-dritt tal-parti l-ohra, u lanqas ta' rinunzja ghall-preskrizzjoni;

Illi, b'sostenn ta' dan il-Qorti taghmel riferenza ghall-kliem li tenna Lord Justice Goff fil-kaz *The Vasso* [ 1948] u riportat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-**23 t'April, 1991**, fil-kawza fl- ismijiet Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Dr. Yana Micallef Stafrace noe et fejn inghad, fost l-ohrajn li: "*The mere fact that the dispute between the parties falls within the scope of an arbitration agreement entered into between them does not of itself generally preclude one of them from bringing an action. Accordingly, the mere existence of an arbitration agreement will not of itself prevent a party from issuing a writ, or otherwise proceeding with the action…*";

Illi ma' dan jizdied jinghad ukoll li, skond ma jghidu l-atturi fin-Nota taghhom (ara pagna 40 tal-process), huma ma setghu qatt issottomettew il-kwestjoni tal-griehi mgarrba minn binhom ghal arbitragg, skond l-artikolu 136(4) tal-Kodici Civili, u ghalhekk, jekk att bhal dan kien ineffikaci, daqstant iehor ma kellu l-ebda sahha fil-konfront tal-imharrek;

Illi l-Qorti taghmel riferenza wkoll ghal ghajn ohra ta' awtorita' fit-tifsir tal-kwestjoni tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, specjalment dwar jeddijiet ta' terzi. L-awturi taljani tad-Dritt Civili jghallmu li decizjoni li tirreferi ghal zewg sewwieqa involuti f'habta bejn zewg vetturi dwar ir- responsabbilta' rispettiva taghhom ghal dik il-habta ma tehlisx lil terz mill-htiega li jhares jeddijietu. "*La sentenza che definisce il giudizio tra i proprietari dei veicoli coinvolti in uno scontro, avente ad oggetto l-accertamento della responsabilita' nella produzione dell'effetto dannoso e il risarcimento dei danni subiti dai veicoli, <u>non</u>*

*<u>interrompe il</u> <u>decorso della prescizione del diritto del trasportato</u> ad ottenere, dal conducente del veicolo nel quale viaggiava, il risarcimento dei danni alla propria persone*" [ara Pescatore-Ruperto <u>Codice Civile</u>, 9 ediz., pag 2894, u sentenza tal-Cassazione tal-15 ta' Frar, 1972];

Illi, ghalhekk, ukoll jekk wiehed kellu jqis dawn ic-cirkostanzi kollha, ghandu jsib li sa ma ntbaghtet l-ittra ufficjali lill-imharrek minghand l-atturi f'Marzu, 2000, kienu ghaddew izjed minn sentejn minn mindu saret il-habta, u, ghall-finijiet tal-artikolu 891(1) tal-Kap 12, izjed

minn sentejn ukoll minn dak inhar li ffirma l-ftehim tal-arbitragg;

Illi huwa minnu wkoll li meta zewg partijiet jew izjed jafdaw il-pendenza ta' bejniethom fid-decizjoni ta' terza persuna titnissel il-klawsola kompromissorja [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-**20 ta' Lulju, 1994**, fil-kawza fl-ismijiet *<u>Zammit et vs Stivala</u>* (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.212**)]. F'dan il-kaz, minhabba li l-ftehim ikun sar fl-ghamla miktuba, jista' jkun japplika terminu preskrittiv iehor. Izda, kif inghad, l-atturi nfushom qeghdin jghidu li, ghal dak li jirrigwarda binhom minuri, dan ma setax isehh jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, liema awtorizzazzjoni, fil-kaz presenti, ma nkisbitx. Ghalhekk, ma jidhirx li jistghu jistriehu fuq l-argument ta' obbligazzjoni mnissla mill-patt kompromissorju (ghar-rigwrad tal-[pretensjonijiet minnhom dedotti nomine) meta l-att innifsu huwa ghal kollox ineffikaci ghaliex nieqes minn rekwizit mehtieg *ad validitatem;*

Illi, min-naha l-ohra, l-atturi ma gabux prova li kontra l-imharrek ressqu fiz-zmien xieraq mqar interpelazzjoni ufficjali biex jikkawtelaw dak li jghidu li binhom garrab minhabba l-habta, kif jidher li kien izjed facli u possibbli li jaghmlu bla htiega tal-ebda awtorita' ta' hadd;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda ssib li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn imressqa mill-imharrek hi misthoqqa, u

ghalhekk mhux il-kaz li wiehed jghaddi biex jesamina t-tieni eccezzjoni;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-**Qorti qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-imharrek Stefan Borg** u tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta biz-zmien ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u qeghda ghalhekk tehles lill-istess

imharrek mill-harsien tal-gudizzju fil-konfront tal-attturi *proprio* u *nomine*, bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**14 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Gunju, 2001.**